# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 22**

**Rikors numru 550/14/1 MH**

**Raymond Pisani, Carmel Attard, Sylvana Chiaruttini, Pierre Gerada, Christine Grixti, Joseph Pace, Carmela Zammit, Peter Paul Borg, Andrew Amato Gauci u Anna Maria Attard Montalto**

**v.**

**Id-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-atturi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi u dan wara li laqgħet

l-eċċezzjonijiet kollha tad-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali, għajr għall-eċċezzjoni bin-numru 2.10. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn li ġejjin;

2. B'rikors maħluf tal-24 ta' Ġunju, 2014, l-atturi bdew billi stqarrew li huma lkoll ċittadini Maltin li jgħixu barra minn Malta fil-Lussemburgu, il-Belġju u l-Isvezja, u li jaħdmu b'mod indefinit mal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Wara li qalu li huma ħadmu għal snin twal f'Malta u li matul dak iż-żmien ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti minnhom, stqarrew li huma beħsiebhom jibqgħu fl-impjieg mal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sakemm jilħqu l-età tal-irtirar u li għandhom ix-xewqa komuni li jibbenefikaw mill-'Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea'. Fissru li għal dan il-għan huma għarrfu lill-*'Pay Master Office'* tal-Unjoni Ewropea kif ukoll lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Malta sabiex jittrasferixxu d-drittjiet pensjonali rispettivi tagħhom minn Malta għall-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Ilmentaw li meta ġew biex jagħmlu hekk, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ħadem l-ammont li għandu jiġi trasferit b'tali mod li mhumiex qed jaqblu miegħu. B'mod partikolari, fissru li l-kontestazzjoni tagħhom iddur madwar il-fatt li d-Dipartiment imħarrek ħaddem metodoloġija li normalment tintuża f'każijiet ta' persuni li jirtiraw mill-impjieg, u dan meta l-każ tagħhom huwa differenti minn hekk. Wara li għamluha ċara li ma kinux qed jaċċettaw is-somma li wasal għaliha d-Dipartiment, fissru li

kieku d-Dipartiment mexa mal-metodoloġija proposta minnhom, l-ammont trasferit kien ikun akbar minn dak li ġie stabbilit. Qalu li dan kollu wassalhom biex qed iġarrbu ħsara finanzjarja kbira u filwaqt li argumentaw li skont il-ġurisprudenza huma m'għandhomx ibatu minn tnaqqis fid-drittijiet pensjonali tagħhom minħabba l-fatt li qed jaħdmu fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, ilmentaw li huma kienu qed jiġu mxekkla mill-moviment ħieles skont kif imħares fl-Artikolu 45 tat-Trattat għall-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). B'żieda ma' dan, allegaw li l-metodoloġija mħaddma mid-Dipartiment imħarrek hija wkoll bi ksur ta' numru ta' artikoli tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, u wara li fissru li kien kollu ta' xejn li huma ġabu dan kollu għall-għarfien tal-imħarrkin permezz ta' ittra uffiċjali datata 19 ta' Frar, 2014, l-atturi għaddew biex talbu lill-Qorti sabiex:

> *"(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti huma intitolati li jiġu ttrasferiti lilhom fl-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, is-somma pensjonali ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet soċjali illi għamlu f'Malta b'mod li ma jitilfu xejn minnhom;*
>
> *(2) Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tiddikjara illi l-metodoloġija adottata mid-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali fil- komputazzjoni tas-somma pensjonali tar-rikorrenti hija bbażata fuq premessi u prinċipji skorretti li jippreġudikaw l-istess drittijiet pensjonali tar-rikorrenti;*
>
> *(3) Tordna lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali sabiex jittrasferixxi s-somma pensjonali tar-rikorrenti b'mod sħiħ u konformi mad-Dritt Ewropew peress illi d-deċiżjoni meħuda sa issa mid-Direttur timpinġi fuq id-drittijiet tar-rikorrenti b'mod partikolari fuq il-moviment ħieles tal-persuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea; u*
>
> *(4) F'każ illi din l-Onorabbli Qorti ma hijiex f'pożizzjoni li tiddetermina jekk l-interpretazzjoni u l-metodoloġija applikata min-naħa tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali tiksirx id-dritt tal-moviment ħieles tal-*

*persuni fl-Unjoni Ewropea, tirreferi din il-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti".*

3. B'risposta maħlufa mressqa fit-28 ta' Lulju, 2014,[1] l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni tal-atturi billi qabel xejn ressqu d-difiża li kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, ġew imħarrkin għal xejn b'xejn u li b'hekk kellhom jiġu meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fil-mertu l-imħarrkin warrbu l-ilmenti tal-atturi billi qisuhom bħala mhux mistħoqqa kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi u dan fuq is-saħħa ta' għadd ta' raġunijiet li ġew imfissra minnhom f'dik ir-risposta. Fost l-oħrajn fissru li d-Direttur imħarrek wasal għas-somma kontestata mill-atturi billi mexa fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 tal-liġijiet ta' Malta u l-leġislazzjoni sussidjarja li hemm taħtu, u partikularment dik bin-numru 318.22, li tapplika b'mod speċifiku għal din it-tilwima. Filwaqt li saħqu li fit-tħaddim tal-Artikolu 12(1) tal-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill Nru. 259/68, l-Istati Membri jgawdu minn diskrezzjoni wiesa', spjegaw li skont il-liġi Maltija, il-persuni mwielda fis-snin kalendarji ta' bejn il-1952 u l-1961, jeħtieġu l-medja ta' ħamsin kontribuzzjoni fis-sena, għal ħamsa u tletin sena, u dan sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mir-rata sħiħa tal-pensjoni ta' żewġ terzi. Żiedu li ġaladarba l-atturi kollha jaqgħu fil-kategorija ta' dawk in-nies li twieldu qabel il-31 ta' Diċembru, 1961, il-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena

[1] F'paġni 11 sa 15 tal-proċess.

kellha tinhadem bil-mod ta' kif imfisser fl-Artikolu 53(3) tal-Kap. 318. Spjegaw ukoll li skont regolament 3 tal-L.S. 318.22 id-"drittijiet trasferibbli" jfissru kull dritt għall-pensjoni rilevanti fid-data tal-kwotazzjoni, u li kien għalhekk li d-drittijiet tal-pensjoni li ntalbu li jiġu trasferiti nħadmu daqslikieku l-atturi kienu qed jirtiraw. Żiedu li sabiex ikun korrett u jimxi sew mal-liġi, id-Direttur imħarrek daħal ukoll fi spejjeż sabiex titwettaq analiżi attwarja u dan biex b'hekk jinħadem l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tal-atturi kif mitluba minn Regolament 6 tal-L.S. 318.22. F'dan il-kwadru, ressqu l-argument li kieku huma kellhom jimxu mal-metodu pretiż mill-atturi, dan kien ser iwassal biex id-Direttur imħarrek jikser il-liġi u jaġixxi bi ħsara għal dawk il-persuni l-oħra li bħall-atturi jkunu telqu minn Malta u ma jkollhomx kontribuzzjonijiet imħallsa għall-aħħar għaxar snin qabel ma' jilħqu l-età pensjonabbli. Għalqu mbagħad billi jgħidu li fl-aħħar mill-aħħar l-atturi kollha kienu qed jaħdmu mal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u mhux ma' xi stat membru ieħor, u minħabba f'hekk ir-Regolament bin-numru 883/2004 lanqas ma kien japplika għal dan il-każ;

4. B'sentenza preliminari mogħtija fid-9 ta' Jannar 2015,[2] l-Ewwel Qorti, wara li tat ċans lill-partijiet sabiex iressqu l-provi tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni, ħelset lill-Avukat Ġenerali kif ukoll lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali mill-harsien tal-

[2] F'paġni 53 sa 54 tal-proċess.

gudizzju, biex b'hekk l-unika mħarrek f'din il-kawża baqa' d-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali;

5. B'sentenza finali tal-14 ta' Diċembru, 2018, l-Ewwel Qorti mbagħad qatgħet din it-tilwima billi, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra,[3] ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi u dan fuq is-saħħa tal-eċċezzjonijiet kollha li tqajmu mill-imħarrek Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, għajr għal dik bin-numru 2.10;

6. L-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-appellanti") ma qablux ma' din is-sentenza tal-aħħar u għar-raġunijiet li tfissru minnhom fir-rikors tal-appell imressaq fit-3 ta' Jannar 2019,[4] talbu lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma u tvarja s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Raymond Pisani et. vs. Direttur Ġenerali Sigurtà Soċjali et. (Nru 550/2014), billi: tirrevoka dik is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tilqa' t-talbiet attriċi, tikkonferma ukoll iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni enumerata 2.10 dwar l-interess ġuridiku, bl-ispejjeż kontra l-appellati"*.

7. Min-naħa tiegħu, id-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellat"), laqa' għall-appell tal-atturi billi b'risposta mressqa minnu fil-25 ta' Jannar, 2019,[5] talab lill-Qorti sabiex

[3] F'paġni 382 sa 418 tal-proċess.
[4] F'paġni 421 sa 431 tal-proċess.
[5] F'paġni 434 sa 449 tal-proċess.

tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

8. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet lill-avukati tal-partijiet, u rat l-atti kollha ta' din il-kawża, hija issa f'qagħda biex tgħaddi għas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

9. B'din l-azzjoni, l-atturi hawn appellanti qegħdin jikkontestaw il-metodu dwar kif id-Direttur appellat wasal għall-ammont tal-valur kapitali tad-drittijiet pensjonali li huma fittxew li jittrasferixxu fil-fond tal-'Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea' u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII ta' dawk li huma magħrufa bħala r-'Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej',[6] (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "ir-Regolamenti tal-Persunal"). Kif mistqarr mill-appellanti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet li tressqet minnhom quddiem l-Ewwel Qorti:

> *"il-kontestazzjoni ewlenija [tagħhom] tirrisali mill-fatt illi l-formula applikata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jiġi kkalkolat il-kapital trasferibbli, fiha element ta' 'weighted average' maħdum fuq żewġ binarji kif ser jiġi spjegat:*
>
> *a) 50% - Medja tan-numru ta' kontribuzzjonijiet (bolol) tal-aħħar 10 snin sħaħ qabel l-età tal-irtirar*

[6] Regolament Nru. 259/1968, kif emendat bir-Regolament Nru. 723/2004.

*b) 50% - Medja tan-numru ta' kontribuzzjonijiet (bolol) fuq l-aħjar 25 sena preċedenti.*

*Il-medja (average) taż-żewġ binarji (a) u (b) flimkien, miżjuda ma' variables oħra li mhumiex ikkontestati f'din il-kawża, jiffurmaw il-pensjoni li persuna tkun eliġibbli għaliha meta tilħaq l-età tal-irtirar."*[7]

10. F'dan il-kuntest, il-qofol tal-ilment tal-appellanti huwa fis-sens li billi huma lkoll emigraw minn Malta 'l fuq minn għaxar snin qabel id-data tal-età tal-irtirar tagħhom, huma ma setgħux jiġu mistennija li jikkontribwixxu f'Malta għall-aħħar għaxar snin qabel l-età tal-irtirar tagħhom, u b'hekk id-Direttur m'għamilx sewwa li ħa qies ta' dawk l-aħħar għaxar snin, u kkonsidrahom bħala *zero* ("0"). Skont l-appellanti, dan il-metodu li thaddem mid-Direttur appellat wassal biex kellu impatt qawwi fuq il-medja tal-kontribuzzjonijiet li fuqu nhadmet ir-rata tal-pensjoni li eventwalment intużat fil-formula attwarja, bil-konsegwenza li l-valur kapitali tad-drittijiet pensjonali tagħhom ġie stabbilit f'ammont li huwa inqas minn dak li jippretendu li kellu jkun;

11. Wara li l-Ewwel Qorti sabet li l-metodu mħaddem mid-Direttur appellat huwa wieħed ġust, tajjeb u skont il-liġi, filwaqt li warrbet l-ilmenti tal-atturi billi qisithom bħala mhux mistħoqqa kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi, l-atturi qegħdin issa jikkritikaw din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fuq is-saħħa ta' għadd ta' aggravji li tqassmu taħt tliet irjus ewlenin u sewwasew:

---

[7] Estratt meħud minn paġna 328 tal-proċess.

(i) "Apprezzament tal-Fatti", (ii) "It-Trattament In/ugwali, u (iii) "Il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema";

12. Billi l-**ewwel aggravju** fih bosta ilmenti li ma jorbtux ma' xulxin u li fihom infushom jistgħu jitqiesu bħala aggravji għalihom, il-Qorti ser tkun qed tibda billi tqis separatament kull ilment li tressaq taħt dan l-ewwel aggravju;

13. Fl-ewwel ilment li qed jitressaq fl-ewwel aggravju, l-appellanti jibdew billi jirreferu għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti **dwar id-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet** tagħhom u preċiżament għal dik l-osservazzjoni li dak id-dewmien ma kkawżalhom l-ebda ħsara għaliex flimkien mal-kapital pensjonali żdied l-imgħax li jikkorrispondi għal dak id-dewmien. Jargumentaw li din l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti ma kellhiex relevanza għall-ilment tagħhom, u f'dan ir-rigward ifissru li l-ilment tagħhom kien fis-sens li dak id-dewmien kien ta' ħsara għalihom billi meta l-Leġislazzjoni Sussidjarja 318.22 iddaħħlet b'mod retroattiv, din kellha l-effett li tahdem kontrihom billi poġġiethom ma' kategorija oħra ta' ħaddiema li waqfu mill-impjieg, però xorta baqgħu msieħba fl-iskema tas-sigurtà soċjali f'Malta. F'dan is-sens, jargumentaw li l-Ewwel Qorti kellha tqis il-kronoloġija tal-applikazzjonijiet fil-kuntest tad-dħul fis-seħħ tal-L.S. 318.22 u dan billi, fi kliemhom, minn dak l-istħarriġ għandu jirriżulta li fil-

mument tal-applikazzjoni, huma kellhom quddiemhom xenarju li ma baqax l-istess wara d-dħul ta' dik il-liġi;

14. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ewwel ilment huwa fieragħ għalkollox. L-ewwel nett, il-Qorti tqis li l-konsiderazzjoni li l-appellanti qed jilmentaw dwarha saret biss b'referenza għall-argument li ġie mqanqal minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet. Fir-rikors maħluf li bih nedew din il-kawża, l-appellanti la niżżlu xi premessa li fiha ilmentaw dwar id-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u wisq anqas ma ressqu xi talba li fiha fittxew xi rimedju partikolari minħabba dak id-dewmien. Il-kwistjoni tad-dewmien u l-effetti li dak id-dewmien seta' kellu fuq l-appellanti huma għalhekk immaterjali għal din il-kawża u dan għaliex kif inhu magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, il-Qrati Superjuri huma mistennija li jimxu fuq il-kawżali kif imfissra fir-rikors maħluf u mhuwiex leċitu li l-kawża tinqata' fuq premessi li ma jkunux ġew imniżżla hemmhekk. (Ara '***World Marketing Services Limited v. Lift Services Limited'***, deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2022). Fil-fehma tal-Qorti, kull konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tad-dewmien fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet ma kienet xejn għajr kumment *'obiter dictum'* li ma kellu l-ebda effett fuq iċ-ċaħda tat-talbiet tal-atturi. L-ewwel ilment tal-appellanti ma jista' għalhekk ibiddel xejn mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u konsegwentement ma jista' jwassal lill-appellanti mkien;

15. F'kull każ, il-Qorti jidhrilha li dan l-ilment huwa wkoll manifestament infondat għaliex kif qed jgħid sewwa d-Direttur appellat fit-tweġiba għall-appell, meta l-appellanti ġew biex japplikaw għat-trasferiment tad-drittijiet pensjonali tagħhom, l-appellanti ma seta' qatt fattwalment kellhom xi xenarju partikolari quddiemhom. Mhuwiex kontestat li l-ewwel darba li l-leġislatur Malti ħaseb għall-mekkaniżmu ta' din ix-xorta kien bit-tnedija tal-Avviż Legali 17 tal-2012,[8] li ġie ppublikat fl-20 ta' Jannar, 2012, u li fit-tieni paragrafu tal-ewwel regolament ta' dak l-Avviż Legali, ġie mniżżel li *"daw[k] ir-regolamenti jipprovdu dwar il-proċedura amministrattiva meħtieġa biex tagħti seħħ lir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, ECSC) Nru. 259/68, li jistipula regolamenti fuq persunal li jikkonsisti f'uffiċjali u l-kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea".* Mill-affidavits li ressqu l-appellanti bħala parti mill-provi tagħhom f'din il-kawża, jirriżulta li l-aktar applikazzjoni li daħlet tard kienet dik ta' Sylvana Chiaruttini, li tressqet fis-16 ta' Ġunju 2010,[9] u għalhekk madwar sena u nofs qabel ma' daħal fis-sehh l-Avviż Legali 17 tal-2012. Naturalment, ġaladarba li l-appellanti applikaw fi żmien li fih Malta ma kellhiex xi mekkaniżmu fis-seħħ sabiex tħaddem l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-appellanti ma jistgħux jgħidu

[8] 'Legislazzjoni Sussidjarja 318.22' – 'Regolamenti Dwar it-Trasferiment ta' Pensjonijiet Mħallsa Taħt l-Att Dwar is-Sigurtà Soċjali'.

[9] Ara l-affidavit ta' Sandra Chiaruttini f'paġna 96 tal-proċess. Ara wkoll f'dan is-sens l-affidavits ta': (i) Peter Paul Borg, f'paġna 61 tal-proċess, (ii) Raymond Pisani f'paġna 66 tal-proċess, (iii) Christine Grixti f'paġna 113 tal-proċess, (iv) Joseph Pace f'paġna 128 tal-proċess, (v) Anna Maria Attard Montalto f'paġna 142 tal-proċess, (vi) Andrew Amato Gauci f'paġna 160 tal-proċess, (vii) Carmel Attard f'paġna 170 tal-proċess, (viii) Carmela Zammit f'paġna 173 tal-proċess, u (ix) Pierre Gerada f'paġna 234 tal-proċess.

li bid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 17 tal-2012 u l-emendi li saru wara bl-Avviż Legali 61 tal-2013, huma sabu ma' wiċċhom xenarju li kien b'xi mod jew ieħor differenti jew agħar minn dak li kien hemm 'fis-seħħ' meta ressqu l-applikazzjoni tagħhom, u dan għas-sempliċi fatt li meta applikaw ma kellhom l-ebda xenarju partikolari quddiemhom. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel ilment tal-ewwel aggravju ma jistax għajr jiġi miċħud;

16. It-tieni ilment li qiegħed jitressaq fl-ewwel aggravju huwa mbagħad dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li huma qatt ma ndikaw *"a bażi ta' liema liġi qegħdin isostnu li għandha tapplika l-metodoloġija proposta minnhom".* Ifissru li bħala metodoloġija mħaddma mid-Direttur appellat, il-metodoloġija proposta minnhom hija msejsa fuq analiżi attwarja u mhux fuq xi artikolu tal-liġi. Sabiex isaħħu dan l-argument jirreferu għal regolament 6(1) tal-L.S. 318.22 li jaqra li *"l-ekwivalenti ta' flus kontanti tad-drittijiet trasferibbli tat-trasferiment għandu jiġi kkalkulat u vverifikat b'dak il-mod li jista' jiġi approvat minn, jew f'isem, id-Direttur wara li ssir analażi attwarja".* Fil-kuntest ta' dan, jargumentaw li hija l-analiżi attwarja li effettivament tiddetermina l-kalkolu tal-kapital pensjonali u li hija l-metodoloġija dwar l-istess li qiegħda tiġi kontestata minnhom. Jistqarru li huma jaqblu li l-Artikolu 6(1) tal-L.S. 318.22 jitlob li ssir analażi attwarja, u jfissru li dak li ma jaqblux miegħu huwa mal-mod ta' kif issir l-analażi u sewwasew liema fatturi u premessi qed jiġu meqjusa fl-istess analiżi attwarja. F'dan is-sens jissottomettu li huma mhumiex f'xi konkors tal-

għażla tal-liġi, u jgħidu li "*l-apprezzament ta' dan il-fatt mill-Ewwel Qorti setà ġie deliberat mod, mentri [huma] kienu qed ifissru xi ħaġa oħra*";

17. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment huwa fieragħ daqs ta' qablu. Li kieku l-appellanti qraw u fehmu sewwa s-sentenza appellata dlonk kienu jintebħu li l-konsiderazzjoni li qed jilmentaw dwarha ngħatat f'kuntest li fih l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għat-tweġiba li l-appellanti taw għal digriet li ngħata fi stadju bikri tal-kawża, u sewwasew wara li tressqet ir-risposta maħlufa tal-imħarrkin.[10] Il-kuntest huwa li b'digriet mogħti fil-11 ta' Awwissu, 2014,[11] l-Ewwel Qorti kienet fost l-oħrajn ordnat lill-atturi sabiex: *"jippreżentaw nota fejn jispjegaw il-metodoloġija li jridu li tiġi applikata fil-każ tagħhom"* u *"għandhom jgħidu wkoll a bażi ta' liema provvediment tal-liġi qegħdin isostnu li għandha tapplika l-metodoloġija proposta minnhom".*[12] Fil-parti relevanti tat-tweġiba tagħhom għal dak id-digriet,[13] l-appellanti la għamlu xi referenza lejn regolament 6 tal-L.S. 318.22 bħalma qed jagħmlu issa, u wisq anqas ma ressqu l-ispjegazzjoni li qed jagħtu issa f'din il-parti tal-ewwel aggravju. L-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li *"fir-risposta tagħhom l-atturi baqgħu ma tawx tali ndikazzjoni"* li ġiet mitluba fid-digriet tal-11 ta' Awwissu, 2014 hija għalhekk fattwalment korretta, u konsegwentement anke dan l-ilment mhuwiex mistħoqq;

---

[10] Il-konsiderazzjoni relevanti għal dan l-ilment ingħatat fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar f'paġna 27 tas-sentenza appellata, f'paġna 408 tal-proċess.
[11] F'paġna 17 tal-proċess.
[12] Id.
[13] Ara paragrafu 2 tan-nota mressqa mill-atturi fil-31 ta' Ottubru, 2014, f'paġna 25 tal-proċess.

18. Ilment ieħor li qed jitressaq fl-ewwel aggravju huwa mbagħad dak li ġie miġbur taħt ir-ras: ***"[d]war il-prerogattiva li l-Istat Membru jagħżel liema sistema jrid"***. F'dan ir-rigward, filwaqt li jirreferu għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li fiha saret referenza lejn is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' ***Radek Ĉasta v. Ĉeská správa sociálního zabezpečení*** **(Każ-166/12)**, u jissottomettu li huma mhumiex qed jippretendu li għandha tkun l-Unjoni Ewropea li tagħti l-formula attwarja lil Malta, jargumentaw li dan ma jfissirx li l-għodda wżata b'din il-prerogattiva ma tistax tiġi kontestata. Jgħidu li minkejja li l-eżerċizzju attwarju twettaq fuq il-bażi ta' formula li ġiet suġġerita fir-rapport tal-*'Government's Actuary Department'* fl-Ingilterra, dak l-eżerċizzju kien wieħed konsultattiv biss, u li fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabbiltà dwar il-metodoloġija mħaddma hija mixħuta fuq spallejn id-Dipartiment appellat li għandu joħloq sistema li tkun ekwa, mhux diskriminatorja u li fuq kollox bi tħaris tal-jeddijiet tagħhom. Filwaqt li jirreferu għall-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, fis-sentenza ta' *Ĉasta,* itennu li l-Istat Malti, minkejja l-marġini diskrezzjonali li jgawdi minnha, m'għandux jirfes fuq il-jeddijiet tagħhom. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma daħlitx f'dan il-punt u għalkemm irrimarkat li l-metodoloġija mħaddma mid-dipartiment hija *"l-waħda korretta",* dik il-Qorti naqset milli tispeċifika r-raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni li l-metodoloġija mħaddma mid-Direttur appellat hija tajba, filwaqt li dik proposta minnhom

hija ħażina. F'dan is-sens jagħlqu billi jissottomettu li l-Ewwel Qorti kellha timmotiva iktar il-konklużjoni tagħha, u sewwasew għalfejn metodoloġija hija tajba u l-oħra hija ħażina;

19. Il-Qorti tqis li dan l-ilment huwa wkoll manifestament infondat. L-ewwel nett u sa fejn l-appellanti qed jirreferu għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-prerogattiva tal-istat konċernat li jagħżel liema sistema jrid iħaddem biex jimplimenta dak li hemm fl-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti rat li fl-ebda parti tas-sentenza appellata ma ntqal li l-għodda wżata bis-saħħa ta' dik il-prerogattiva ma tistax tiġi kontestata. Barra minn hekk, l-appellanti ma jistgħux jinsew li kienet l-Ewwel Qorti stess li għamlitha ċara li *"l-atturi kollha għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sabiex imexxu 'l quddiem din il-kawża"*;[14]

20. Sa fejn imbagħad l-appellanti qed jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tispeċifika r-raġunijiet li wassluha għall-konklużjoni li l-metodoloġija mħaddma mid-Direttur appellat hija dik it-tajba filwaqt li dik proposta minnhom hija ħażina, il-Qorti tqis li bil-kontra għal dak li qed jgħidu l-appellanti, l-Ewwel Qorti tat b'kollox erba' raġunijiet ewlenin, li ġew mifruxa fuq żewġ faċċatti, sabiex fissret għalfejn waslet għal dik il-konklużjoni.[15] F'dan l-istadju tajjeb li jiġi mfakkar li skont il-ġurisprudenza

---

[14] Estratt meħud minn paġna 14 tas-sentenza appellata, f'paġna 395 tal-proċess.
[15] F'paġni 29 sa 31 tas-sentenza appellata, f'paġni 410 sa 412 tal-proċess.

ta' din il-Qorti, huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti ġudikanti li fis-sentenza tagħha "*tindika u tissenjala dak li jidhrilha li hu relevanti u li eventwalment wassalha biex tagħti l-ġudizzju tagħha fuq it-talbiet magħmula*". (Ara '***Feneco Limited v. Pronto Development Limited***', deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2012). Bi tħaddim ta' dan it-tagħlim għall-ilmenti tal-appellanti, il-Qorti jidhrilha li ġaladarba l-Ewwel Qorti tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn kienet qed tqis il-metodoloġija mħaddma mid-Direttur appellat bħala l-*"waħda korretta",* dik il-Qorti ma kellhiex għalfejn toqgħod tispjega fid-dettall għalfejn il-metodu propost mill-atturi ma kienx tajjeb meta mqabbel ma' dak li haddem id-Direttur appellat. F'kuntest bħal dan, il-Qorti jidhrilha li r-raġunijiet li nghataw mill-Ewwel Qorti huma biżżejjed sabiex jissodisfaw dak li jitlob l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-fatt waħdu li l-appellanti jistgħu ma jaqblux ma' dawk ir-raġunijiet hija storja oħra li ma tbiddel xejn minn dan kollu. L-ilmenti li tressqu taħt ir-ras *"dwar il-prerogattiva li l-Istat Membru jagħżel liema sistema jrid"* qegħdin għalhekk jiġu wkoll miċħuda;

21. L-aħħar ilment li qiegħed jitressaq fl-ewwel aggravju ġie mbagħad miġbur taħt ir-ras ***"[d]war is-sistema pay-as-you-go".*** F'dan ir-rigward, ifissru li filwaqt li mhumiex qed jikkontestaw it-tħaddim ta' din is-sistema għal min jaħdem u jikkontribwixxi f'Malta, madankollu jisħqu li t-tali sistema ma tistax tkompli tiġi applikata għalihom, u dan għaliex min jemigra mill-pajjiż u fi kliemhom 'jirrinunzja għall-pensjoni f'Malta', ma

jistax jiġi trattat l-istess bħal min baqa' fil-pajjiż, waqaf jaħdem u jippretendi pensjoni meta jilħaq l-età tal-irtirar. Filwaqt li jirrikonoxxu li skont il-każ ta' *Ĉasta* (Każ-166/12), il-valur kapitali tad-drittijiet tal-pensjoni akkwistati ma jikkorrispondix għas-somma sħiħa tal-kontribuzzjonijiet imħallsa matul is-snin, jgħidu li huma qatt ma talbu li l-valur trasferit għandu jkun daqsinsew għall-valur tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnhom tul is-snin li ħadmu f'Malta. F'dan is-sens, jispjegaw li meta fit-talbiet finali *"talbu lill-Qorti sabiex tikkunsidra somma pensjonali li tabbraċċja l-kontribuzzjonijiet soċjali b'mod li "ma jitilfu xejn minnhom" riedu jfissru li fil-metodoloġija attwarja jidħlu biss is-snin (kollha) ta' kontribuzzjonijiet li huma għamlu, u mhux jiġu kkunsidrati ukoll snin li matulhom ma kinux preżenti f'Malta għaliex bl-inklużjoni ta' dawn l-aħħar snin, jaqa' l-weighted average u għalhekk jaqa' wkoll il-valur tas-snin li l-appellanti ħadmu Malta billi ma jiħdux il-vantaġġ sħiħ tas-sistema"*;

22. Il-Qorti tqis li anke dan l-ilment mhuwiex mistħoqq. Jibda billi jingħad li mhuwa xejn minnu li l-appellanti *"qatt ma talbu li l-valur trasferit għandu jkun ugwali għall-valur tal-kontribuzzjonijet imħallsa minnhom tul is-snin li ħadmu Malta".* Il-Qorti jidhrilha li stqarrija bħal din mhija xejn għajr logħob fieragħ bil-kliem li tikkontradixxi l-pożizzjoni li l-atturi ħadu kemm qabel ma tressqet din il-kawża, kif ukoll waqt is-smigħ tal-kawża. Filwaqt li mill-ittra interprellatorja li ntbagħtet minnhom qabel ma nbdiet din il-kawża diġà kien jidher ċar li l-appellanti kienu qed jippretendu li jiġu

mħallsa lura l-flejjes kollha li ħallsu bħala kontribuzzjonijiet tul il-ħajja lavorattiva tagħhom f'Malta,[16] l-appellanti ma ħallew l-ebda dubju dwar dan meta fir-rikors maħluf li bih nedew din il-kawża, u b'mod partikolari fl-ewwel talba finali, dawn talbu lill-Qorti sabiex issib li: *"huma intitolati li jiġu trasferiti lilhom fl-Iskema tal-Pensjonijiet tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea,* ***is-somma pensjonali ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet soċjali illi għamlu f'Malta b'mod li ma jitilfu xejn minnhom***".[17] Filwaqt li fiha nfisha, din it-talba hija ċara biżżejjed, l-appellanti komplew ma jħallu l-ebda dubju dwar x'riedu jfissru b'dik it-talba meta kollha kemm huma, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, fl-affidavit rispettiv tagħhom niżżlu li b'din il-kawża huma riedu jassiguraw li l-kontribuzzjonijiet kollha li ħallsu f'Malta qabel ma telqu jaħdmu barra jiġu lkoll meqjusa.[18] L-istess linja ta' ħsieb ġiet ukoll imtennija minn Vincent Marmara li tressaq bħala xhud *'ex parte'* mill-atturi, u li bla tlaqliq fisser li: ***"dawk li huma jridu jittrasferixxu [...] huwa dak l-ammont li huma ħallsu għal pensjoni sa issa mill-NI"***[19] u li ***"huma just iridu jmexxu qisni jiena qiegħed inġemma f'kont f'Bank u jiena llum ser ngħid ser naqbad dak l-ammont u jiena mmexxiehom x'imkien ieħor"***[20] F'kuntest bħal dan, l-appellanti żgur li

---

[16] Ara 'Dok RP', f'paġna 92 tal-proċess.
[17] Ara paġna 4 tal-proċess.
[18] Ara l-affidavits ta': (i) Peter Paul Borg, f'paġna 62 tal-proċess, (ii) Raymond Pisani f'paġna 67 tal-proċess, (iii) Christine Grixti f'paġna 114 tal-proċess, (iv) Joseph Pace f'paġna 129 tal-proċess, (v) Anna Maria Attard Montalto f'paġna 144 tal-proċess, (vi) Andrew Amato Gauci f'paġna 161 tal-proċess, (vii) Carmel Attard f'paġna 171 tal-proċess, (viii) Carmela Zammit f'paġna 174 tal-proċess, (ix) Pierre Gerada f'paġna 235 tal-proċess, u (x) Sandra Chiaruttini f'paġna 96 tal-proċess.
[19] Ara x-xhieda ta' Vincent Marmara mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju, 2016, f'paġna 248 tal-proċess.
[20] Id. f'paġna 255 tal-proċess.

ma jistgħux jippruvaw jgħidu *"li huma qatt ma talbu li l-valur trasferit għandu jkun ugwali għall-valur tal-kontribuzzjonijiet imħallsa minnhom tul is-snin li ħadmu f'Malta"*, u ġaladarba li *'electa una via non datur recursus ad alteram',* l-appellanti ma jistgħux jiġu issa jbiddlu l-pożizzjoni li għażlu li jieħdu matul il-kawża;

23. F'kull kas, il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument li s-sistema tal-*'pay-as-you-go'* 'ma tistax tkompli tiġi applikata' għall-appellanti. M'għandux ikun hemm l-iċken dubju li fiż-żmien li fih l-atturi ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'Malta, il-flejjes li huma għaddew bħala kontribuzzjonijiet ma ġewx miġmugħin f'xi kont partikolari f'isimhom bħalma jiġri f'xi pensjoni privata, u minflok il-kontribuzzjonijiet tagħhom marru f'fond ċentrali biex minnhom tħallsu l-pensjonijiet tal-pensjonanti f'Malta u dan f'dak il-perjodu relevanti li fihom tħallsu t-tali kontribuzzjonijiet.[21] La l-appellanti ħallsu l-kontribuzzjonijiet f'sistema ta' sigurtà soċjali li hija msejsa fuq is-sistema ta' *'pay-as-you-go',* l-appellanti ma jistgħux ireġġgħu l-arloġġ lura jew jippretendu li jiġi trasferit l-ekwivalenti tal-flejjes li ħallsu f'kontribuzzjonijiet, u dan għaliex kif wara kollox ġie mfisser fis-sentenza ta' *Ĉasta* (Każ-166/12), *"f'din is-sistema ta' distribuzzjoni li għandha natura solidari qawwija, huwa evidenti* ***<u>li l-kapital li jirrappreżenta d-drittijiet għal pensjoni miksuba ma</u>***

[21] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Derek Coulthard li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2016 fisser kif jaħdmu l-iskemi tal-pensjonijiet li huma msejsa fuq is-sistema hekk magħrufa bħala l-*'pay-as-you-go',* f'paġni 273 u 274 tal-proċess.

***jikkorrispondix għall-kontribuzzjonijiet kollha mħallsa*** *mill-persuna li tħaddem u l-impjegat tagħha taħt l-assigurazzjoni għax-xjuħija ta' dan tal-aħħar."*;

24. L-aħħar ilment li tressaq fl-ewwel aggravju mhuwiex għalhekk mistħoqq u dan kollu jwassal biex **l-ewwel aggravju** qiegħed jiġi **miċħud għalkollox**;

25. Imiss issa li jiġu meqjusa **t-tieni u t-tielet aggravji** li minħabba r-rabta li hemm bejniethom ser ikunu qed jiġu mistħarrġa flimkien;

26. Fit-**tieni aggravju** li tniżżel taħt ir-ras *"**trattament in/ugwali**",* l-appellanti jibdew billi jirreferu lejn dawk il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata li fihom tniżżel li l-Istat Malti huwa ġustifikat li jħaddem metodoloġija li tixbah dik li tithaddem biex wieħed iqis id-drittjiet pensjonali ta' dawk il-ħaddiema li jibqgħu jaħdmu f'Malta. B'mod partikolari, jirreferu għal dik il-konsiderazzjoni li fiha l-Ewwel Qorti qieset li huwa ġust li huma *"jiġu ekwiparati mal-kategorija ta' ħaddiema li għalkemm ikunu baqgħu f'Malta ikunu huma wkoll ser jaqtgħu ir-rabta tagħhom milli jħallsu kontribuzzjonijiet",* u f'dan il-kuntest jilmentaw li huma ma jistgħux jitqiesu daqslikieku rtiraw mix-xogħol. Ifissru li huma ma jaqblux mal-Ewwel Qorti meta qieset li kienet tiskatta d-diskriminazzjoni li kieku huma kellhom jiġu trattati b'mod differenti mill-

bqija ta' dawk il-ħaddiema li jieqfu milli jħallsu l-kontribuzzjonijet soċjali f'Malta, u jtennu li ċ-ċirkostanza tagħhom, li jemigraw mill-pajjiż u jkomplu bil-ħidma tagħhom 'il barra minn Malta, ma' tista' qatt titqabbel ma' min iddeċieda li jieqaf jaħdem, baqa' f'Malta u li qatt ma jkun irrinunzja għall-pensjoni f'Malta. Jisħqu li ż-żewġ xenarji huma għalkollox differenti u f'dan is-sens ifissru li huwa sewwasew it-trattament identiku li qed jingħataw bħal dawk il-persuni li jibqgħu f'Malta u li jkunu waqfu jaħdmu għalkollox, li qed iwassal biex issir diskriminazzjoni magħhom minħabba l-għażla li għamlu li jemigraw minn Malta sabiex jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-UE. Jagħlqu mbagħad billi jissottomettu li t-trattament differenti ma joħloqx inugwaljanza iżda ekwità, u f'dan is-sens jisħqu li kull ċirkostanza għandha tiġi trattata bil-mod ta' kif jixirqilha;

27. Fit-**<u>tielet aggravju</u>** l-appellanti mbagħad jirreferu għall-ilmenti tagħhom dwar it-tkasbir tal-jedd tal-moviment ħieles. Jibdew billi għal darb'oħra jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed dan il-punt u jsostnu li l-mod ta' kif ġie maħdum il-kapital pensjonali tagħhom mid-Direttur appellat ħolqilhom xkiel għall-jedd tagħhom tal-moviment ħieles. Jissottomettu li qabel ma emigraw lejn l-Unjoni Ewropea huma kellhom quddiemhom erba' għażliet x'jagħmlu fil-ħajja tax-xogħol tagħhom, u sewwasew: (i) li jkomplu jaħdmu f'Malta sakemm jirtiraw, (ii) li jemigraw u jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor tal-UE, (iii) li jemigraw u jmorru jaħdmu f'pajjiż terz, jew inkella (iv) li jemigraw u jmorru jaħdmu mal-

Istituzzjonijiet tal-UE. Jargumentaw li kull konsiderazzjoni dwar il-moviment ħieles u dik tat-trattament ugwali għandha tiġi mistħarrġa fil-kuntest ta' dawn l-erba' għażliet. Jissottomettu li l-paragun li jrid isir huwa bejn ix-xenarju ta' jekk ħaddiem jibqax f'Malta jew jemigrax, u f'dan is-sens jilmentaw li filwaqt li fil-każ ta' ħaddiem li jibqa' jaħdem f'Malta, il-kalkolu tal-pensjoni tiegħu tinħadem fuq il-kontribuzzjonijiet kollha li wettaq f'Malta fuq karriera sħiħa, min-naħa l-oħra, fil-każ tagħhom il-pensjoni tinħadem fuq *'weighted average'* li jistrieħ fuq żewġ binarji u sewwasew: (i) l-aħħar għaxar snin ta' kontribuzzjonijiet qabel l-età tal-irtirar u (ii) l-aħħar 25 sena ta' kontribuzzjonjiet preċedenti għall-aħħar għaxra. Jargumentaw li peress li huma lkoll emigraw qabel ma ħadmu l-aħħar għaxar snin qabel l-età statutorja tal-irtirar f'Malta, il-kontribuzzjonijiet tagħhom għal dawk l-għaxar snin tal-aħħar ser ikunu effettivament *zero* (0) għaliex huma ser ikunu qed jikkontribwixxu lejn l-iskema tal-pensjoni tal-UE minflok dik ta' Malta. Jilmentaw li dan wassal biex ħamsin fil-mija (50%) tal-ewwel parti tal-*'weighted average'* tisfuma fix-xejn u jargumentaw li l-ħamsin fil-mija (50%) l-oħra hija ftit wisq sabiex tinħadem medja li fi kliemhom hija ekwa. Jissottomettu li huma dejjem saħqu li l-medja tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għandha tinħadem biss fuq dawk is-snin li huma ħadmu f'Malta u mhux fuq snin li lanqas biss kienu ser ikunu f'Malta, u f'dan is-sens jargumentaw li għandhom jiġu trattati bl-istess mod bħal dawk il-ħaddiema li jemigraw lejn Stat Membru ieħor. Ifissru li fil-mument li wieħed irid jiddeċiedi jekk jibqax jaħdem Malta jew

imur jaħdem mal-Istituzzjonjiet tal-UE, wieħed irid jiżen li jekk ser jibqa' jaħdem Malta jkun se jibbenefika mill-medja ta' kontribuzzjonijiet tal-aħħar 10 snin qabel l-età statutorja tal-irtirar li għandha valur ta' 50% fuq il-formula tad-drittijiet tal-pensjoni, filwaqt li jekk jagħżel li jmur jaħdem mal-UE, dan ma jibbenefikax minn dawk is-snin. F'dan is-sens, jargumentaw li huwa ta' żvantaġġ għall-ħaddiem li jmur jaħdem mal-istituzzjonijiet tal-UE minflok ma jibqa' jaħdem f'Malta u dan għall-għanijiet ta' komputazzjoni tal-pensjoni kif maħduma mid-Direttur appellat. Jgħidu għalhekk li l-leġislazzjoni applikata *"tista' tiddiswadi"* ħaddiem li jkun akkwista ċerta anzjanità taħt l-iskema ta' pensjoni Maltija milli jaċċetta impjieg fis-servizz ta' istituzzjoni tal-UE, għaliex minħabba l-leġislazzjoni li qed jilmentaw dwarha *"huwa jitlef il-possibbiltà li jakkumula pensjoni sħiħa"*;

28. Il-Qorti jidhrilha li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet aggravji mhumiex mistħoqqa, u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jiġu mfissra fil-paragrafi li jmiss;

29. Jinbeda billi jingħad li minn ħarsa lejn il-parti relevanti tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat b'Regolament Nru. 723/2004, jirriżulta li dak li l-appellanti għandhom il-jedd li jittrasferixxu lejn l-iskema tal-pensjonijiet tal-UE, mhuwiex il-valur tal-kontribuzzjonijiet li wettqu f'Malta <u>iżda</u> ***"il-valur kapitali, aġġornat***

***sad-data tat-trasferiment attwali, <u>tad-drittijiet għal pensjoni akkwistati</u>".*** Dak li l-appellanti għandhom il-jedd li jittrasferixxu huwa għalhekk il-<u>valur ekwivalenti tal-pensjoni li huma akkumulaw f'Malta sad-data tat-trasferiment</u>;

30. Dwar il-metodu li għandu jithaddem sabiex jiġi kkalkulat il-valur kapitali tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati mill-applikant, fil-każ ta' ***Ĉasta**,* il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fissret li filwaqt li l-leġislatur tal-Unjoni ħalla f'idejn l-Istati Membri li japplikaw il-metodu tal-għażla tagħhom biex tiġi ddeterminata s-somma ta' flus li għandha tiġi ttrasferita lill-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni,[22] madankollu l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-metodu magħżul minnhom: (i) **ikun jirrifletti n-natura, il-prinċipji u r-regoli tas-sistema tal-pensjonijiet fis-seħħ f'dak l-Istat Membru**,[23] u (ii) **jkun iwassal għal dik is-somma li tirrappreżenta materjalment id-drittijiet għall-pensjoni miksuba bis-saħħa tas-servizzi jew attivitajiet preċedenti tal-uffiċjal ikkonċernat**;[24]

31. Anke fl-opinjoni fil-każ ta' ***Ĉasta**,* l-Avukat Ġenerali Cruz Villalón għamilha ċara li: *"[f]i kliem ieħor, il-prinċipju msemmi hawn fuq jirrikjedi <u>li l-valur attwali tad-drittijiet għal pensjoni li għandu jiġi kkalkolat bħallikieku</u>*

---

[22] Każ-166/12, '***Radek Ĉasta v. Ĉeská správa sociálního zabezpečení',*** deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2013, §§ 21 sa 24.
[23] Id. §§ 32 u 36.
[24] Id. §§ 24 u 26.

*l-persuna kkonċernata baqgħet affiljata mal-iskema ta' assigurazzjoni nazzjonali* ***jikkorrispondi għall-valur attwali tal-pensjoni parzjali fil-każ ta' dħul fis-servizz tal-Unjoni mingħajr trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni*** *u li dan jikkorrispondi għall-valur tas-somma ta' flus ittrasferita fil-każ ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni*";[25]

32. Minn kif jirriżulta mill-provi, u sewwasew minn ittra datata 5 ta' Mejju, 2006, fil-każ ta' Malta, kienet saħanistra l-Kummissjoni Ewropea stess li ssuġġeriet lid-Direttur appellat li wieħed mill-metodi li setgħu jiġu mħaddma minn pajjiżna kien dak li bih jiġi kalkulat **valur attwarju** ('*actuarial value*') li jirrappreżenta *"**the acquired pension rights under Maltese legislation**".*[26] Sentenza partikolari li tixħet dawl qawwi fuq il-mod ta' kif jaħdem il-metodu suġġerit mill-Kummissjoni Ewropea u li ġie eventwalment imħaddem mid-Direttur appellat hija mbagħad dik fil-proċeduri fl-ismijiet ta' ***Caisse De Pension Employès Privès v. Lèon Bodson***[27] li fiha ġie mfisser li f'metodoloġiji ta' din ix-xorta, il-kalkolu tal-valur kapitali tad-drittijiet pensjonali huwa msejjes: *"on a calculation of the capital* ***corresponding to the pension to which the person concerned will be entitled at national level*** *by the application of a discount rate by reason of the anticipated nature of the payment as compared with the due date, together with a reduction coefficient proportionate to the risk of*

[25] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, ippreżentati fis-27 ta' Ġunju, 2013, fil-Każ-166/12 fl-ismijiet ta' '***Radek Ĉasta v. Ĉeská správa sociálního zabezpečení'*** §31.
[26] Ara 'Dok MS5', f'paġna 311 tal-proċess.
[27] Każ Numru 212/81, deċiż fit-18 ta' Marzu, 1982.

*the death of the recipient before the due date, determined as a function of the age of the insure and of the death rates, both factors being calculated on the basis of the time due to elapse between the date of the award of the actuarial equivalent and that of the grant of the pension",*[28]

33. Bi tħaddim ta' dan kollu għall-fatti ta' dan il-każ, din il-Qorti la ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u wisq anqas fil-metodu mħaddem mid-Direttur appellat. Kemm mill-każ ta' ***Bodson*** kif ukoll minn kif jimplika l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal stess, jidher ċar li sabiex id-Direttur appellat seta' qatt jasal għall-valur kapitali tad-drittijiet għall-pensjoni akkwistati mill-appellanti, id-Direttur kellu qabel xejn jikkalkula r-rata tal-pensjoni li l-appellanti rnexxielhom jakkumulaw sad-data tat-trasferiment. Sabiex jasal għal dik ir-rata, l-appellat kellu bilfors li jieħu qies tar-regolamenti li hemm imniżżla f'Taqsima V tal-Kap.318 tal-liġijiet ta' Malta, u dan għaliex kif wara kollox ġie mgħallem fil-każ ta' ***Ĉasta**,* kalkoli bħal dawn għandhom dejjem isiru bi tħaris tal-prinċipji u r-regoli nazzjonali tas-sistema tal-pensjonijiet. Irrispettivament minn jekk l-appellanti jaqblux magħha jew le, il-liġi Maltija tipprovdi li l-medja tal-kontribuzzjonijiet fis-sena għal dawk in-nies li twieldu qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena 1961, għandha tinhadem bil-mod ta' kif inhu misjub fl-Artikolu 53(3) tal-Kap. 318 tal-liġijiet ta' Malta, u minħabba f'hekk, l-appellanti ma jistgħux jibqgħu jippretendu li d-Direttur

[28] Id. §7.

ma kellux jimxi fuq il-prinċipji legali li joħorġu mil-liġi Maltija, u minflok iħaddem il-metodu li qed jippretendu huma, li fuq kollox mhuwiex rifless fil-liġi. Jibqgħux f'Malta b'idejhom fuq żaqqhom jew inkella jmorrux jaħdmu barra minn Malta fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huwa irrelevanti għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata tal-pensjoni, u dan għaliex fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd huwa l-fatt li l-appellanti ser ikunu qed jieqfu milli jikkontribwixxu aktar lejn is-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija.[29] Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-appellanti ma jistgħux għalhekk jippretendu xi trattament aħjar minn kull Malti ieħor li twieled qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena 1961 u li bħalhom waqaf milli jikkontribwixxi aktar lejn is-sistema ta' sigurtà Maltija. Il-fatt waħdu li l-appellanti mhumiex ser ikunu qed jirċievu pensjoni minn Malta meta jilħqu l-età tal-irtirar ma jagħmilx il-każ tagħhom differenti minn dawk il-persuni li jieqfu jikkontribwixxu qabel ma jilħqu l-età statutorja tal-irtirar f'Malta u eventwalment jirċievu pensjoni minn Malta, u dan għaliex fil-każ tal-appellanti, il-flejjes għall-pensjoni tagħhom ikunu effettivament diġà tħallsu bil-quddiem billi jiġu mibgħuta lill-iskema tal-pensjonijiet tal-UE;[30]

34. Fuq kollox, għandu jiġi osservat li f'dan il-każ, ir-rata tal-pensjoni li ġiet ikkalkulata mid-Direttur appellat u mdaħħla fil-formula attwarja, tirrifletti sewwasew ir-rata tal-pensjoni li l-appellanti kienu eventwalment

[29] Ara f'dan il-kuntest ix-xhieda ta' Mark Musù mogħtija (i) fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2015, f'paġna 199 tal-proċess, u (ii) fis-seduta tat-2 ta' Diċembru, 2015, f'paġni 210 u 211 tal-proċess.
[30] Ara x-xhieda ta' Malcom Scicluna mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016, f'paġna 303 tal-proċess.

ser ikunu intitolati għaliha li kieku dawn għażlu li ma jittrasferux id-drittijiet għall-pensjoni akkwistati f'Malta għall-iskema tal-pensjonijiet tal-UE. Minbarra li dan kollu jirriżulta fiċ-ċar, minn għadd ta' dokumenti[31] u mix-xhieda li ġew imressqa mid-Direttur appellat,[32] l-istess stat ta' fatt ġie saħansitra kkonfermat minn Vincent Marmara li tressaq bħala xhud *'ex parte'* mill-appellanti stess u li fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2016 fisser li: ***"kif inhi l-equation bħalissa hija l-pensjoni li [...] eventually ħa jieħu".***[33] Aktar tard reġa' tenna: ***"Ħeqq mela b'mod sempliċiku (sic) ħafna l-equation hi finalment fl-aħħar mill-aħħar qed tikkalkula l-cash equivalement amount li jieħdu huma issa imma fuq abbażi ta' meta huwa l-ewwel sena li jistgħu jieħdu l-pensjoni huma".***[34] Fil-fehma tal-Qorti, huwa sewwasew dan li huwa mitlub mill-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u għalhekk tħares minn fejn tħares ma jidhirx li l-metodoloġija li ġiet imħaddma mid-direttur appellat hija skorretta. Biex ikun ingħad kollox, għalkemm il-Qorti rat li Vincent Marmara ressaq xi kritika lejn il-formula wżata mid-Dipartiment,[35] il-Qorti jidhrilha li dik il-kritika mhijiex mistħoqqa għaliex meta ġie magħfus fil-kontroeżami dak ix-xhud mhux biss ammetta li ma kienx midħla jew inkella ħa xi qies tal-liġijiet relevanti, iżda wkoll stqarr li hu ma setax jgħid

[31] Ara b'eżempju 'Dok RP05' f'paġna 75 tal-proċess u 'Dok SC4' f'paġna 103 tal-proċess.
[32] Ara b'eżempju x-xhieda mogħtija minn Malcom Scicluna fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2012 f'paġna 49 u 50 tal-proċess u x-xhieda ta' Mark Musu mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru, 2015, f'paġni 210 sa 211 tal-proċess.
[33] Ara x-xhieda ta' Vincent Marmara mogħtija waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju, 2016, f'paġna 248 tal-proċess.
[34] Id. f'paġna 252 tal-proċess.
[35] Ara r-rapport ta' Vincent Marmara, 'Dok VM1' f'paġni 264 sa 268 tal-proċess.

li l-formula wżata mid-Dipartiment hija żbaljata jew inkella hemm xi żball fl-*'actuarial factors'* imħaddma mid-Dipartiment;[36]

35. Fil-kuntest ta' dan kollu l-Qorti jidhrilha li l-appellanti lanqas m'għandhom raġun li jibqgħu jtennu li l-metodoloġija mħaddma mid-Dipartiment qiegħda xxekkilhom milli jgawdu l-jedd tal-moviment ħieles fl-Unjoni Ewropea jew inkella li jkasbar il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali kif misjub fl-Artikolu 4(3) TUE. Fis-sentenza ta' ***Ĉasta***, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għamlitha ċara li ***"Jekk il-kalkolu tal-kapital li jirrappreżenta d-drittijiet għal pensjoni jirriżulta loġikament min-natura, mill-prinċipji u mir-regoli tas-sistema tal-pensjonijiet fis-seħħ fi Stat Membru, il-konformità ta' dan il-metodu ta' kalkolu mad-dritt tal-Unjoni ma jistax jiġi ddubitat. Huwa biss fil-każ fejn il-modalitajiet tal-kalkolu ta' dan il-kapital ivarjaw, b'mod apprezzabbli, għall-vantaġġ jew l-iżvantaġġ tal-uffiċjal, min-natura tal-prinċipji u tar-regoli tas-sistema tal-pensjoni nazzjonali li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tista' tfixkel il-moviment liberu tal-ħaddiema ggarantit mill-Artikolu 45 TFUE jew li tkun kuntrarja għall-obbligi pprovduti fl-Artikolu 4(3) TUE."***[37] Kif rajna aktar kmieni, fil-kalkolu tal-kapital li jirrappreżenta d-drittijiet għall-pensjoni, id-Direttur

[36] Ara l-kontroeżami ta' Vincent Marmara li sar waqt is-seduta tal-20 ta' Mejju, f'paġni 260 u 261 tal-proċess.
[37] Każ-166/12, '***Radek Ĉasta v. Ĉeská správa sociálního zabezpečení',*** deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2013, §36.

appellat mexa mal-prinċipji u r-regolamenti tas-sistema tal-pensjonijiet li hawn fis-seħħ f'Malta u li tirregola l-faxxa ta' nies li jaqgħu fiha l-appellanti kollha, u sewwasew dik ta' min twieled qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena 1961. Ġie wkoll ippruvat li kieku l-atturi għażlu li ma jittrasferux il-pensjoni tagħhom lejn l-iskema tal-pensjonijiet tal-UE, huma kienu ser ikunu qegħdin eventwalment jirċievu pensjoni li tirrifletti r-rata li d-Direttur wasal għaliha u ħaddem fil-formula attwarja. Fl-aħħar mill-aħħar, anke li kieku huma m'emigrawx u baqgħu f'Malta però waqfu milli jħallsu l-kontribuzzjonijiet soċjali, huma kienu ser jieħdu l-istess rata ta' pensjoni li fuqha nhadmet is-somma attwarja. Il-kawża tat-tnaqqis tar-rata tal-pensjoni mhuwiex għalhekk il-konsegwenza ta' xi kastig għaliex huma għażlu li jemigraw u jaħdmu mal-Istituzzjonijiet tal-UE, iżda frott il-fatt li huma għażlu li jieqfu milli jikkontribwixxu aktar lejn is-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija u 'jillikwidaw' il-pensjoni tagħhom bil-quddiem, snin qabel ma laħqu l-età statutorja tal-irtirar. Naturalment, la l-appellanti għażlu din it-triq, huma ma jistgħux issa jilmentaw li tilfu l-possibbiltà li jakkumulaw pensjoni sħiħa f'Malta daqs min ser ikun qed jagħmel il-ħajja lavorattiva kollha tiegħu jħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali f'Malta. Kif xehed Malcolm Scicluna, kieku riedu l-appellanti setgħu jagħmlu bħalma għamlu persuni oħrajn li ddeċedew li ma jitrasferux il-valur kapitali tad-drittijiet pensjonali li jkunu akkumulaw f'Malta, u waqt li kienu qed jaħdmu barra, baqgħu xorta waħda jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'Malta biex

b'hekk jakkumulaw pensjoni sħiħa f'Malta.[38] L-appellanti ma ressqu l-ebda prova li huma ġew imċaħħda minn din il-possibbiltà tal-aħħar u lanqas ma kkontradixxew din il-verżjoni ta' Scicluna. Lanqas mhuwa għalhekk il-każ li ħaddiem li jaċċetta impjieg fis-servizz ta' istituzzjoni tal-UE, irid ta' bilfors *"jitlef il-possibbiltà li jakkumula pensjoni sħiħa"* f'Malta;

36. Filwaqt li dan kollu huwa biżżejjed biex jiġi miċħud l-appell, il-Qorti tagħlaq billi tgħid li lanqas ma taqbel mal-appellanti meta qed jippretendu li għandhom jiġu trattati daqslikieku huma emigraw lejn xi Stat Membru ieħor u li b'hekk għandhom jibbenefikaw mill-metodoloġiji misjuba f'Regolament 883/2004 tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti,[39] ir-Regolament imsemmi mill-appellanti jgħoddx għall-kaz bhal tagħhom u dan għaliex minbarra li dak ir-Regolament ma jaħsibx għat-trasferiment tal-valur kapitali tal-pensjoni u minflok jipprovdi għas-sistema tal-aggregazzjoni tal-pensjonijiet, dak l-istess Regolament ma japplikax għall-uffiċjali li jaħdmu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u dan minn kif ikkonfermat fil-każ ta' ***Ferlini***[40] u fl-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-każ ta' ***Ĉasta***;[41]

[38] Ara x-xhieda ta' Malcom Scicluna mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 f'paġna 301 tal-proċess.
[39] F'paġni 36 u 37 tas-sentenza.
[40] Każ-411/98, ***Angelo Ferlini v. Centre Hospitalier de Luxembourg,*** deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2000, §41.
[41] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón, ippreżentati fis-27 ta' Ġunju, 2013, fil-Każ-166/12 fl-ismijiet ta' '***Radek Ĉasta v. Česká správa sociálního zabezpečení'*** §70.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** l-appell u **<u>tikkonferma</u>** għalkollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2018 ta' Mejju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu hekk kif deċiżi fis-sentenza appellata, filwaqt li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-atturi *in solidum.*

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm